PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8736 — Toohil Telecom/Eircom)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 14/09)

1. Fit-8 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Toohil Telecom Holdings Limited ("Toohil Telecom", l-Irlanda), ultimament ikkontrollata minn Xavier Niel (Franza); kif ukoll

— Eircom Holdco S.A. ("Eircom", il-Lussemburgu)

Toohill Telecom takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet il-kontroll ta' Eircom kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Toohil Telecom: parti mill-grupp ta' kumpaniji kkontrollati minn Xavier Niel li huma prinċipalment iffokati fuq l-investimenti fis-setturi li ġejjin: telekomunikazzjonijiet, xandir, teknoloġiji ġodda, negozji ġodda u proprjetà immobbli. B'mod partikolari, Xavier Niel jikkontrolla Iliad, kumpanija Franċiża attiva fil-forniment ta' servizzi ta' telefonija fissa u mobbli u tal-aċċess għall-internet u servizzi ta' hosting.

— Eircom: Eircom toffri firxa ta' servizzi ta' linja fissa tal-vuċi, ta' dejta, broadband b'veloċità għolja, telefonija ċellulari u servizzi televiżi, kif ukoll servizzi ta' Voice over Internet Protocol u Wi-Fi lil konsumaturi individwali, djar, utenti tan-negozji, klijenti bl-ingrossa, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u l-gvern fir-Repubblika tal-Irlanda. Hija toffri wkoll firxa ta' servizzi ta' konnettività għall-klijenti tas-settur pubbliku fl-Irlanda ta' Fuq, kif ukoll lil kumpaniji Irlandiżi b'sussidjarji jew fergħat fir-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8736 — Toohil Telecom / Eircom

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email:

COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks:

+32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË